Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 713/2001AE

**Terence Sammut**

**vs**

**Anthony Borg f'ismu proprju u bhala ezercenti l-kummerc taht l-isem Abbot's Choice u b'digriet tad-29 t'Awwissu 2003, gie kjamat in kawza Joseph Aquilina kemm f'ismu proprio u kif ukoll bhala ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Abbot's Choice**

L-Erbgha, 27 t'April 2016.

Il-Qorti,

Rat l-avviz ta' l-attur fejn talab lil Qorti joghgobha tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' elfejn u sitt mitt lira Maltin (Lm2,600)[1] jew somma verjuri dovuta bhala pagament ghas-servizzi gja offruti mill-attur u debitament accettati mill-istess konvenut, liema servizzi jinkludu l-importazzjoni ta' vetturi uzati mill-Gappun.

Rat ir-risposta ta' l-konvenut Anthony Borg[2] fejn eccepixxa illi (i) l-ammont mitlub mhux dovut; (ii) l-konvenut *pro et noe* mhux debitur tal-attur.

Rat ir-risposta ta' kjamat in kawza Joseph Aquilina[3] fejn eccepixxa illi huwa ma ghandu jaghti xejn lill-attur.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Mejju 2014 li ddecidiet il-vertenza kif gej:

*"Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tal-kjamat in kawza, tilqa' t-talbiet tal-attur, u tikkundanna lill-konvenut u lill-kjamat in kawza f'isimhom propju u t-tnejn ezercitanti l-kummerc taht l-isem Abbot's Choice, ihallsu lill-attur, solidalment bejniethom is-somma ta' €6,056.37 (ekwivalenti ghal Lm2,600) flimkien mal-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-avviz.*

[1] €6,056.37.
[2] Fol 4.
[3] Fol 97.

*L-ispejjez ghandhom ukoll jithallsu mill-konvenut u mill-kjamat in kawza, solidalment bejniethom, salv ghal dawk l-ispejjez relatati mal-kjamata in kawza ta' Joseph Aquilina, liema spejjez ghandhom jithallsu mill-attur."*

Dan wara li l-istess Qorti ghamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

i. M'huwiex kontestat mill-konvenut u l-kjamat in kawza, li l-vetturi li gew impurtati mill-Gappun tramite l-intervent tal-attur, effettivament waslu Malta u nbieghu mill-konvenut u mill-kjamat in kawza;

ii. Il-kontestazzjoni hija dwar jekk kienx hemm ftehim dwar hlas ta' commission ta' Lm100 lill-attur ghal kull karozza mibjugha;

iii. L-attur ipproduca erba' dikjarazzjonijiet rilaxxati minn kumpaniji Gappunizi (li minghandhom gew akkwistati l-vetturi *second hand*), li ddikjaraw li huma ma dahhlu fl-ebda ftehim sabiex ihallsu xi *commission* lill-attur, u li din il-*commission* kienet dovuta mill-importatur;

iv. Dawn id-dikjarazzjonijiet ma gewx kontradetti mill-konvenut u mill-kjamat in kawza;

v. L-attur produca wkoll registrazzjoni ta' telefonata li kellu mal-kjamat in kawza u traskrizzjoni taghha li minnha jirrizulta car li l-attur u l-kjamat in kawza kienu qed jitkellmu fuq il-*commission fee* miftiehma mal-attur;

vi. Din it-traskrizzjoni turi wkoll li ghalkemm il-ftehim originali tal-*commission* sar mal-konvenut Anthony Borg, il-kjamat in kawza Joseph Aquilina – li kien sieheb fin-negozju ma' Anthony Borg - kien konsapevoli li kien hemm dan il-ftehim, u dan il-ftehim kien gie wkoll accettat minnu;

vii. Bis-sahha tal-Artikolu 115(1) tal-Kodici tal-Kummerc, il-konvenut u l-kjamat in kawza ghandhom jigu kkundannati solidalment bejniethom ihallsu l-commission pretiza mill-attur;

viii. Izda peress li l-attur ma indikax lill-kjamat in kawza Joseph Aquilina bhala konvenut fl-avviz mill-bidu net, anke jekk huwa kellu konverzazzjoni telefonika ma' Joseph Aquilina rrekordjata xi gimghatejn qabel ma nfethet il-kawza, huwa l-attur li ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez relatati mal-kjamata in kawza ta' Joseph Aquilina.

Kemm il-konvenut kif ukoll il-kjamat in kawza hassewhom aggravati b'tali sentenza u nterponew appelli separati minnha quddiem din il-Qorti. L-appellat wiegeb. Waqt is-seduta tal-4 ta' Novembru 2015 dehru biss id-difensuri tal-appellat u ta' Joseph Aquilina li ddikjaraw li m'ghandhomx x'izidu ma' dak li hemm fl-atti. L-appellant Anthony Borg u d-difensur tieghu imsejhin ma dehrux.

Il-Qorti rat l-atti.

**L-appell tal-konvenut Anthony Borg.**

L-aggravji ta' dan l-appellant huma essenzjalment marbuta mal-apprezzament tal-provi tal-ewwel Qorti. Hu maghruf li din il-Qorti ma tiddisturbax tali apprezzament jekk mhux ghal ragunijiet gravi. Il-kaz **Michele Lanteri vs Alan Spiteri** deciz fid-29 ta' Jannar 2016[4] jikkonferma:

*"Principju iehor li huwa rilevanti hafna f'dan il-kuntest huwa li din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti* ***jekk tara li dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha****. Din il-Qorti ta' revizjoni tintervjeni biss jekk tirradika fiha l-fehma li* ***l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti huwa manifestament zbaljat b'mod li jekk tibqa' tregi l-konkluzjoni bazata fuqu tkun qed issir ingustizzja lejn xi parti."***

Fil-fehma tal-appellant il-provi kellhom juru li:

a. Il-verzjoni moghtija mill-attur ma kinitx verosimili;
b. Id-dokumentazzjoni allegatament originata mill-esportaturi Gappunizi ma kellhiex tinghata valur probatorju, anzi kellha tigi sfilzata;
c. L-appellant qatt ma hallas xi kummissjoni lill-attur appellat u l-prova tal-hlas tal-ewwel Lm300 lill-attur ma tirrizulta minn imkien mill-process;
d. Qatt ma ezista ebda arrangement ta' kummissjoni li kellha tithallas minn Abbot's Choice lill-attur u kwalunkwe kummissjoni jekk xejn kienet dovuta lilu mill-principali tieghu fil-Gappun u hadd aktar.

Huwa evidenti li fil-kaz in ezami hemm verzjonijiet konfliggenti bejn dak li qed jghid l-attur u dak li qeghdin jghidu l-appellanti Borg u Aquilina.

Dwar kunflitt ta' verzjonijiet fil-kaz **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe** konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Gunju 2006[5], kien precizat hekk:-

*"Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ; Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili,*

[4] Qorti tal-Appell Nru 122/94.
[5] Nru 153/1994.

*in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet."*

Hemm qbil bejn l-appellant Borg[6] u l-appellat Sammut[7] li kienu dahlu ghal ftehim dwar importazzjoni ta' vetturi *second hand* mill-Gappun. L-inkontru u l-ftehim sar fis-showroom tan-negozju ta' Abbott's Choice[8]. Huwa pacifiku wkoll li dan il-ftehim kien wiehed verbali. Il-kritika tal-appellant Borg ghal fatt li ftehim ma sarx bil-kitba hija bla bazi[9]. Il-Kodici tal-Kummerc ma jipprekludix ftehim bil-fomm, b'dan li jekk fir-rigward ta' obbligazzjoni kummercjali l-partijiet ikunu ftehmu li l-ftehim bil-fomm għandu jitniżżel bil-miktub, hu preżunt li huma riedu jassoġġettaw il-validità tiegħu għat-tħaris ta' dik il-formalità[10]. Huwa evidenti li fil-kaz in ezami l-ftehim bil-fomm sar bi qbil komuni tant li beda jigi attwat u saru xi konsenji ta' vetturi mill-Gappun ghal Malta[11]. M'huwiex kontestat li saru pagamenti ghal dawn il-vetturi lill-kumpaniji Gappunizi mill-kont bankarju kongunt ta' Anthony Borg, V.Aquilina u Joseph Aquilina[12]. Dan il-ftehim baqa' jithaddem sakemm sehh dizgwid bejn il-partijiet. M'hemmx kontestazzjoni li l-vetturi mpurtati nbieghu kollha.

Huwa inutli li l-appellant jispekula li kummercjalment ma jaghmilx sens ghal negozjant li jidhol fi ftehim verbali dwar *commission* fuq vetturi imma mbaghad jibqa' jordna a bazi ta' ftehim verbali anke meta ma jkunx ghadu thallas. Huwa invece plawsibbli, anke kummercjalment, li negozjanti li jkollhom ftehim kummercjali *ongoing* bejniethom, anke jekk verbali, ihallsu u jithallsu tas-servizz/prodott fil-kors tan-negozju li jkun ghaddej bejniethom. Dan l-argument ghalhekk ma jwassal imkien.

Il-kontestazzjoni bejn il-partijiet hija dwar it-talba tal-hlas ghall-*commission* lill-attur. L-attur ripetutament insista li bhala parti minn dan il-ftehim huwa kellu jircievi LM100 (€233) ghal kull vettura li jimporta mill-Gappun ghall-appellanti u li tinbiegh. Jghid ukoll li huwa kien diga' rcieva l-ewwel Lm300 izda l-bilanc ta' *commission* ghall-importazzjonijiet sussegwenti ta' vetturi (Lm2600) ma thallasx lilu minkejja li l-vetturi kienu nbieghu[13].

L-appellant xehed li l-ftehim mal-attur kien bil-kontra ta' dak li qal l-appellat, fis-sens li:

---

[6] Xhieda tieghu a fol 131 *et seq*.
[7] Affidavit a fol 18 *et seq*.
[8] Xhieda tal-attur appellat a fol 166.
[9] Dan issemma wkoll fir-rikors tal-appell tal-appellant l-iehor.
[10] Art.114 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta.
[11] Dok TS1 sa Dok TS30 a fol 21 sa fol 64.
[12] Ara statements tal-pagamenti a fol 33 u 34, ix-xhieda tar-rapprezentant tal-Bank of Valletta Saviour Micallef a fol 100, statements tal-kont bankarju a fol 103 et seq
[13] Affidavit a fol 18 *et seq*.

*"Skont il-ftehim li kelli jiena mal-attur,* ***hu kellu jithallas bhala agent minn barra****. Jiena ma kelli naghtih xejn. Jien ghalhekk qatt ma hallast lill-attur."*[14]

Hu ghalhekk evidenti li kliem dwar hlas ta' kummissjoni kien sar, ghalkemm l-appellant qieghed isostni li l-ftehim kien li l-appellat ser jithallas minghand il-bejjiegha esteri li minghandhom inxtraw il-vetturi. Madankollu m'hemmx prova li l-appellat qatt thallas xi kummissjoni minghand id-ditti esteri minn fejn kienu qeghdin jinxtraw il-vetturi. Il-verzjoni tal-appellant m'hijiex korraborata minn xi prova.

Biex ixejjen it-tezi tal-konvenut illum appellant, l-attur appellat minn naha tieghu ressaq kopji ta' dikjarazzjonijiet mill-esportaturi nfushom[15]. Il-Qorti ma taghti ebda piz lil dik il-parti tad-dikjarazzjonijiet fejn jinghad li l-*commission* fuq il-vetturi kienet dovuta mill-importatur lil Sammut ghax tali ftehim huwa se mai *res inter alios acta* ghal dawn il-barranin u allura ma jistghux validament jitkellmu dwaru. Izda d-dikjarazzjoni ta' dawn l-esportaturi li jghidu li huma qatt ma hallsu ebda *commission* lill-appellat hi konferma li ma thallasx kummissjoni. L-argumenti mqajma mill-appellant Borg dwar il-valur probatorju ta' dawn id-dokumenti huma bla bazi. Meta dawn id-dokument gew prezentati (6 ta' Mejju 2003), l-appellant m'ghamel ebda oggezzjoni. L-unika reazzjoni ghal dawn id-dokumenti miz-zewg appellanti sehhet circa tlett snin wara li dawn kienu gew prezentati fi stadju meta l-provi tal-attur kienu maghluqa. Fil-fatt kien f'Mejju tal-2006 li l-appellanti prezentaw rikors fejn talbu lill-ewwel Qorti tordna lill-attur jipprezenta l-verzjoni originali guramentata ta' dawn id-dokumenti (u ta' dokumenti ohrajn) u fin-nuqqas li tordna l-sfilz taghhom[16]. Id-digriet tal-ewwel Qorti, apparti li mir-rikors tal-appelli ma jirrizultax li sar appell minnu[17]. Fil-fatt kull wiehed mill-appellanti talab biss li tithassar is-sentenza tad-19 ta' Mejju 2014. L-appellant naqas ukoll milli jipproduci xi dikjarazzjoni kuntrarja. Wara kollox dan l-appellant stess iddikjara li qabel m'ghamel in-negozju mal-appellat, huwa kellu kuntatti ma' dawn l-istess esportaturi: *"F'dan il-kaz ma l-esportaturi ma kelli ebda kuntatt pero' nghid li kelli kuntatt ma l-istess persuni qabel."*[18] Ghalhekk jekk l-appellant ried jaghmel xi verifiki *ex parte* ma' dawn l-esportaturi huwa kellu l-facilita' li jaghmel dan ukoll u jgib prova dwarha. Minn dan kollu m'ghamel xejn.

Mehud in konsiderazzjoni l-provi, is-semplici cahda tal-konvenut appellant li huwa ghamel ftehim dwar hlas ta' *commission* lill-appellat fil-fehma tal-Qorti m'hijiex bizzejjed. L-appellant baqa' qatt ma ta spjegazzjoni konvincenti u kredibbli ta' kif sar ftehim biex l-appellat jaghti s-servizz tieghu biex ghall-importazzjoni ta' vetturi f'Malta u li minnu kellha tibbenefika d-ditta Abbott's Choice, izda tali servizz xorta kellu jkun bla hlas. Dan ma jitwemminx fid-dinja tan-negozju.

---

[14] Fol 132.
[15] Dok TS 31 sa Dok TS 34 a fol 65 sa fol 68.
[16] Rikors a fol 171. L-attur irrisponda a fol 176-177.
[17] Fol 173.
[18] Xhieda a fol 132.

Huwa minnu li ma hemm xejn miktub u li ghall-pagament ta' Lm300 li jsemmi l-attur m'hemm prova dokumentarja, pero' wara li qieset il-provi kollha din il-Qorti ma tarax ghalfejn l-ewwel qorti ma kellhiex temmen il-verzjoni tal-appellat.

Globalment il-Qorti tqis li l-maggor parti tal-argumenti ta' l-appellant Borg huma kongetturi u spekulazzjonijiet ntizi li joskuraw jew idahhlu dubju dwar it-tezi tan-naha l-ohra, minghajr pero' ma' ssenjala kif u b'liema provi l-ewwel Qorti kellha ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni kuntarja minn dik li waslet ghaliha. L-oneru fuq il-konvenut m'huwiex biss li jiddiskredita l-verzjoni tan-naha l-ohra bil-kliem ghax kif inhu risaput fil-guriprudenza: "*Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma` dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu (li tipprova l-kaz taghha),* ***għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista` tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka.***"[19]

Il-Qorti tqis infatti li materjalment, fattwalment u b'mod cirkostanzjali t-tezi tal-appellat giet pruvata u ghalhekk m'hemm xejn zbaljat fl-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti.

Dan l-appell qieghed ghalhekk jigi michud.

**<u>L-appell tal-kjamat fil-kawza Joseph Aquilina.</u>**

Dan l-appellant filwaqt li jaqbel mal-ewwel Qorti li l-ispejjez relatati mal-kjamata tieghu fil-kawza ghandhom jigu mhallsa mill-attur appellat, hassu aggravat li l-ewwel Qorti kkonkludiet illi l-ftehim ta' hlas ta' *commission* lill-appellat Sammut kien accettat ukoll minnu u li ghalhekk huwa ghandu jigi kkundannat solidalment mal-konvenut appellant l-iehor Anthony Borg sabiex bejniethom ihallsu l-*commission* pretiza. L-appellant isostni li l-apprezzament tal-provi mill-ewwel Qorti rrekalu ngustizzja serja.

Il-Qorti ma taqbilx. A skans ta' ripetizzjoni l-kunsiderazzjonijiet taghha dwar l-argumenti li kienu diga' tressqu fl-appell ta' Borg jghoddu ghal dan l-appell ukoll. Dan l-appellant stess fir-rikors tal-appell jaccetta li d-dikjarazzjonijiet a fol. 65-68 huma prova li l-appellat ma rceviex hlas ta' kumissjoni minghand il-bejjiegha li minghandhom inxtraw il-vetturi. Fir-rikors tal-appell qal li dawn id-dokument "*[….] l-aktar l-aktar, huma biss prova tal-fatt illi l-esportaturi ma hallsux flus lill-attur, u daqshekk – ghaliex dak biss huwa fatt illi huma kienu jafuh personalment.*"[20]

L-appellant Aquilina jargumenta wkoll li sa minn qabel ma l-attur kien beda jimporta l-vetturi mill-Gappun, il-kjamat in kawza u l-konvenut bhala Abbot's

---

[19] **Emanuel Ellul vs Anthony Busuttil**, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 7 ta' Mejju 2010.
[20] Paragrafu 10 tar-rikors tal-appell (fol. 6).

Choice kienu diga' jimpurtaw il-vetturi mill-Gappun u allura skont hu ma kellhomx ghalfejn jidhlu ghal spejjez ta' *commission*. Il-Qorti izda tosserva li minn dak li xehed Anthony Borg, intuza s-servizz tal-appellat sabiex inxtraw vetturi mill-Gappun li gew importati f'Malta fejn inbieghu. Sinifikanti wkoll li skond l-istess xhud ma kienx l-attur li avvicina lil *Abbot's Choice* izda Anthony Borg[21].

Inoltre mill-provi jirrizulta li l-vetturi in kwistjoni kienu mpurtati f'isem Abbot's Choice. F'Abbott's Choice hemm shab il-konvenut appellant Anthony Borg u l-kjamat in kawza appellant Joseph Aquilina. Bhala xoghol dan kien maqsum bejn Borg u Aquilina. Dan kollu gie konfermat mill-appellant Anthony Borg[22]. Il-kjamat fil-kawza appellant Joseph Aquilina jkompli hekk *"Nikkonferma li jien u l-konvenut shab f'Abbot's Choice. Niddeskriviha bhala Joint Venture."*[23].

Huwa minnu li originarjament id-diskussjonijiet u l-accettazzjoni ghall-ftehim saru verbalment mill-konvenut Anthony Borg, izda huwa evidenti li dan kollu sar f'isem Abbot's Choice li minnha jifforma parti l-appellant Joseph Aquilina. In-negozju kien ta' Abbot's Choice u ghalhekk il-ftehim dwar il-commission jorbot lil Aquilina wkoll. Sahansitra fid-dokumenti li jirrelataw ghall-vetturi li gew importati, hemm ukoll isem Joseph Aquilina. Dokumenti li gew prezentati mill-appellati. Fuq bazi ta' probabilita' mill-fatt li d-dokumenti qeghdin fil-pussess tieghu, hu ndikattiv li l-appellat kien direttament involut fix-xiri ta' vetturi li d-ditta Abbot's Choice kienet qeghda tixtri bis-servizz tal-appellat.

Il-Qorti ma temminx li l-kjamat in kawza ma giex infurmat bil-ftehim verbali li sar mal-appellat. Huwa stess jghid li *"l-konvenut kien jinfurmani b'kull vettura li kienet tinxtara minn Abbot's Choice"*[24] u probabilment kien jaf li Abbot's Choice dahlet fi ftehim mal-attur appellat ghall-importazzjoni tal-vetturi *second hand* mill-Gappun. Huwa mhux biss jikkonferma li kien anke jaf fil-prezz ta' dawn il-karozzi [25], talli mill-konversazzjoni telefonika li kellu mal-attur appellat – registrata u esibita in atti – huwa ovvju li huwa kien ben konsapevoli ta' dak li kien ghaddej fin-negozju bejn Abbott's Choice u l-attur appellat dwar dawn il-vetturi. Anzi minn dak li rrizulta mill-istess konverzazzjoni bit-telefon, l-appellant Aquilina kien konsapevoli ta' affarijiet dwar dan in-negozju tal-importazzjoni ta' dawn il-vetturi li l-konvenut appellant Borg ma kienx ghadu jaf. Huwa ghalhekk altru milli nverosimili li Aquilina ma kienx jaf dwar il-ftehim fl-intierita' tieghu, inkluz il-parti tal-commission lil Sammut. It-tezi ta' dan l-appellant li huwa ma kienx jaf bil-hlas tal-*commission* lill-appellat qeghda ghalhekk tigi michuda bl-istess mod li giet michuda t-tezi tal-appellant l-iehor li ma kien hemm ebda ftehim li jhallsu lill-appellat ghas-servizz li tahom.

---

[21] Xhieda a fol 132.
[22] Xhieda a fol 133.
[23] Xhieda a fol 134.
[24] Xhieda a fol 134.
[25] Xhieda a fol 135.

Ghal kull buon fini jigi nnutat ukoll li f'diversi partijiet tat-telefonata registrata bejn Aquilina u Sammut, ghalkemm kien hemm mumenti fejn certament saret riferenza ghal xi hlasijiet li jolqtu l-importazzjoni tal-vetturi nfushhom, Sammut fil-kors tat-telefonata beda jaghmel riferenza ghall-*commission* li kellu jithallas u l-appellant Aquilina f'ebda hin ma wera ruhu sorpriz dwarha jew ta x'jifhem li ma kienx konsapevoli ta' dak li dwaru kien qieghed jitkellem Sammut. Dan apparti li kif tajjeb osservat l-ewwel qorti dan l-appellant ma kienx kredibbli meta xehed fuq telefonata. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva kif meta xehed:

i. Fit-2 ta' Mejju 2005, qal li kien biss **darba** li tkellem mal-appellat u dan b'riferenza *"[....] mal-wasla ta' dokumenti li bhala ndirizz kellhom l-indirizz ta' Abbot's Choice il-Gzira.... Ghalhekk kont cempilt lil Terrence Sammut sabiex igib dawn id-dokument"*. Mir-recording li pprezenta l-appellat jirrizulta li kien hu li cempel lill-appellant u sar kliem fuq hlas ta' kummissjoni. F'dik l-istess seduta qal ukoll li *"Jien u l-konvenut l-iehor qatt ma tkellimna fuq xi commission."*, biex imbaghad qal li l-appellat kien semmielu *commission* dovuta lilu u qal: *"Jiena ghidtlu, 'Mieghi ma ftehemt xejn hekk', pero jekk ftiehem ma' Anthony Borg allura Tony Borg kellu jaghtihomlu l-flus."*. Mela dan l-appellant filli xehed li ma tkellema mal-appellat dwar hlas ta' kummissjoni, biex ezatt wara xehed li sar kliem f'dan is-sens. Ghall-qorti hu l-appellant stess li jimmina l-kredibilita tieghu.
ii. Fl-10 ta' Mejju 2006 qal li meta lill-appellat qallu li kien ser ihallas, u hawnhekk saret riferenza lix-xhud ghal dik il-parti tat-traskrizzjoni a fol. 150; *"Hawnhekk kienet qed issir riferenza ghall-kambjala mahruga favur l-esportaturi Gappunizi."* Fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2005 l-appellant ma semmiex kambjala. Hekk ukoll fil-konversazzjoni telefonika ma tissemmiex kambjala, anzi f'din il-parti tal-konversazzjoni jirrizulta li l-appellat kien qieghed jirreferi proprju ghall-hlas ta' kummissjoni, tant li qallu: *"Jien t-tnejn maghkom, qbilt maghkom, jien ghandi mitt lira kull karozza."* (fol. 150). L-appellant ma wegibx li qatt ma kien semma bil-hlas ta' Lm100 fuq kull karozza.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti tikkonkludi li l-appellant Aquilina m'huwiex kredibbli.

Kellha ragun l-ewwel Qorti li kkundannat lill-konvenut u lill-kjamat in kawza sabiex solidalment bejniethom ihallsu l-bilanc rimanenti ta' din il-*commission.* Dan in linea mal-principju provdut fl-artikolu 115 tal-Kodici tal-Kummerc (li ma giex kontradett bi provi kuntrarji) li:-

***"115.*** *(1) Fl-obbligazzjonijiet kummerċjali, hu preżunt, jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju, li l-kondebituri huma obbligati in solidum."*

Fid-dawl tas-suespost, il-fatt li l-attur appellat ikkjama lill-appellant fil-kors tal-proceduri u mhux mill-bidu nett ma jimminimizzax jew ixejjen ir-responsabbilta' ta' Aquilina f'ghajnejn il-ligi. Fatt li pero' ttiehed in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-kap tal-ispejjez.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell tal-konvenut Anthony Borg u l-appell tal-kjamat in kawza Joseph Aquilina. Kull wiehed mill-appellanti ghandu jhallas l-ispejjez kollha relatati mal-appell li ppropona, inkluzi dawk tal-appellat.**

Anthony Ellul.